# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' April 2012

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE dwar deroga temporanja mir-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali li hemm fil-Kenja fir-rigward tal-flettijiet tat-tonn

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 2463)*

(2012/208/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(4) tal-Anness II tiegħu,

Billi:

(1) Fit-19 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE ([2]) li tagħti deroga temporanja mir-regoli ta' oriġini stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 biex titqies is-sitwazzjoni speċjali tal-Kenja fir-rigward ta' flettijiet tat-tonn.

(2) Fl-1 ta' Diċembru 2011, b'konformità mal-Artikolu 36 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, il-Kenja talbet deroga ġdida mir-regoli tal-oriġini stabbiliti f'dak l-Anness. Fis-16 ta' Jannar 2012, il-Kenja ppreżentat informazzjoni addizzjonali mat-talba li għamlet. Skont l-informazzjoni provduta mill-Kenja l-qbid tat-tonn nej tal-oriġini kien baxx iktar mis-soltu anke meta mqabbel mal-varjazzjonijiet normali tal-istaġun li wassal għal tnaqqis fil-produzzjoni tal-flettijiet tat-tonn. Barra minn hekk, il-Kenja ġibdet l-attenzjoni tar-riskju involut minħabba l-piraterija waqt il-forniment tat-tonn nej. Din is-sitwazzjoni anormali għadha twassal biex ikun impossibbli li l-Kenja tikkonforma mar-regoli tal-oriġini stipulati fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 matul perjodu partikolari. Deroga pduda għandha tingħata b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE kienet tapplika sal-31 ta' Diċembru 2011. Jeħtieġ li tiġi żgurata l-kontinwità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi tal-AKP lejn l-Unjoni kif ukoll tranżizzjoni bla problemi għall-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant bħala parti u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha bħala l-parti l-oħra ("Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika EAC-UE"). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE għandha għaldaqstant tiġi estiża mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013.

(4) Ma jkunx xieraq li jingħataw derogi skont l-Artikolu 36 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 li jaqbżu l-kwota annwali mogħtija lill-Komunità tal-Afrika tal-Lvant taħt il-Ftehim Interim ta' Sħubija Ekonomika EAC-UE. L-ammonti ta' kwota għall-2012 u l-2013 għandhom għalhekk jiġu ffissati għal 2 000 tunnellata ta' flettijiet tat-tonn fis-sena.

(5) Fl-interess taċ-ċarezza, huwa adatt li jiġi stipulat b'mod espliċitu li l-uniċi materjali mhux ta' oriġini li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' flettijiet tat-tonn taħt kodiċi NM 1604 14 16 għandhom ikunu tonn taħt l-Intestaturi HS 0302 jew 0303, sabiex il-flettijiet tat-tonn jibbenefikaw mid-deroga.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/861/UE, hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

B'deroga mill-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 u skont l-Artikolu 36(1)(a) ta' dak l-Anness, il-flettijiet tat-tonn taħt il-kodiċi NM 1604 14 16 manifatturati minn tonn mhux ta' oriġini taħt l-Intestaturi HS 0302 jew 0303 għandhom jitqiesu bħala li oriġinaw mill-Kenja skont it-termini stipulati fl-Artikoli 2 sa 5 ta' din id-Deċiżjoni."

(2) L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għall-prodotti u l-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness li huma dikjarati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni mill-Kenja matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013."

(3) L-Artikolu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013."

---
([1]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 338, 21.12.2011, p. 61.

(4) L-Anness jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 2012.

*Għall-Kummissjoni*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

*"ANNESS*

| Nru tal-Ordni. | Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodi | Kwantitajiet |
|---|---|---|---|---|
| 09.1667 | 1604 14 16 | Flettijiet tat-tonn | 1.1.2011 sal-31.12.2011<br>1.1.2012 sal-31.12.2012<br>1.1.2013 sal-31.12.2013 | 2 000 tunnellata<br>2 000 tunnellata<br>2 000 tunnellata" |